# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 44**

**Citaz. Nru. 2633/97GV**

**Doc. Nru. 42-01**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Veronika Gauci u Joseph Debono**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenuti, kienet installat servizz telefoniku bin-numru 580833 fil-fond Joe's Holiday Services, Rock Cod Street, Bugibba, u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas- '*service agreement*' ezistenti bejn il-partijiet;

Premess illi skond l-istess '*service agreement*' l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jhallsu dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Premess illi l-konvenuti huma debituri tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' Lm2,704.72 (elfejn, seba' mija u erba' liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (*pulses/calls*), spejjez ta' installazzjoni

u kera tal-linja in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness '*statement*' immarkat bhala dokument B;

Premess ukoll illi l-istess konvenuti gew interpellati jhallsu s-somma msemmija izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Il-korporazzjoni attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm2,704.72 (elfejn, seba' mija u erba' liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi) dovuta ghall-uzu (*pulses/calls*), spejjez ta' installazzjoni u kera tal-linja in konnessjoni mas-servizz telefoniku hawn fuq imsemmi liema servizz kie gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenuti nomine;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru, 1996 u l-imghax legali kontra l-konvenuti nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Debono a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:

Illi huwa ma jaqbilx ma l-ammont mitlub kemm bhala *quantum* kif ukoll fuq il-fatt illi hu jikkontendenti illi hemm pagamenti li saru minnu li ma gewx indikati fuq li *statement* ezebit mill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Veronica Gauci a fol. 20 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti qatt ma ffirmat ebda '*service agreement*' mas-socjeta' attrici kif jidher mid-Dok. 'A' u 'B' ezebiti mac-citazzjoni u l-konvenut l-iehor Joseph Debono kien awtorizzat biss sabiex jiffirma ghan-nom tal-eccipjenti sabiex jittrasferixxi s-servizz in kwistjoni fuq ismu u mhux biex ihallih fuq isem l-eccipjenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol. 35 li bih l-partijiet qablu li l-provi migbura fil-kawza Citaz. Nru. 2635/97 jiffurmaw parti minn din il-kawa;

Semghet ix-xhieda bil-gurament; Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti : tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm2,704.72 spejjez ta' installazzjoni, u kera ta' linja in konnessjoni mas-servizz telefoniku fuq in numru 580833 fil-fond Joe's Holiday Services, Rock Cod Street, Bugibba liema servizz kien gie stallat mill-atturi fuq talba tal-konvenuti.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut Debono eccepixxa li hu ma jaqbilx ma' l-ammont kemm bhala *quantum* kif ukoll fuq il-fatt illi hu jikkontendi illi hemm pagamenti li saru minnu li ma gewx indikati fuq li *statement* ezibit mill-atturi.

Il-konvenuta Gauci eccepiet li hi qatt ma ffirmat *service agreement* mas-socjeta' attrici kif jidher mid-dok A u B ezibit u l-konvenut l-iehor kien

awtorizzat biss sabiex jiffirma ghan-nom ta' l-eccipjenti sabiex jittrasferixxi s-servizz in kwistjoni fuq ismu u mhux biex ihallih fuq isem l-eccipjenti.

**PROVI**

**P.L. Noel Scerri** ghas-socjeta' attrici xehed li fil-1991 kienet saret talba ghas-servizz tat-telefon u din giet iffirmata minn Joseph Debono ghan-nom ta' Veronica Gauci skond Dok. NS1 fol. 41. Kien sar *service agreement* (fol 5). Id-Dok a fol. 7 hu li *statement* tal-ammont dovut illum. Kien sar *transfer* minn numru 472026 ghal 580833. Fil-kont ta' Gunju, 1991 is-*subscriber* kienet Gauci. Ma jidhirx li s-*subscriber* inbidel. Debono kien deher ghan nom ta' Gauci. It-*transfer* li sar fil-1991 kien minn post ghal iehor u mhux minn persuna ghall ohra. Debono ma sarx is-*subscriber*. Id-dok NS1 l-atturi rcevewh f'Settembru tal-1995.

**Veronica Gauci** xehdet li fil-1990/1991 Debono kien mar ghandha biex jaghmel it-*transfer* tat-telephone li kellha fil-post li kellha Phyllida, Triq it-Turisti, Qawra. Billi ma setghetx tmur it-Telemalta kienet iffirmatlu karta biex hu jkun jista' jiffirma ghan nom taghha biex jista' jaqleb it-telephone minn fuqha ghall fuqu. Ghal tlieta jew erba' snin ma semghet xejn aktar, imbaghad fil-1995 kien cempillha Saviour Farrugia tat-Telemalta li qallha li t-telephone line kien ghadu fuq isimha. Fis-6 ta' Settembru, 1995 kienet ghamlet *private agreement* mal konvenut Debono li hu kien responsabbili ghal dan it-telephone u iffeksjatu lill sur Farrugia dok VG1 a fol 42. Imbaghad wara rceviet ic-citazzjoni. Hi ma kienet irceviet ebda kontijiet la qabel u lanqas wara ma gie jkellima Debono. Sakemm harget mill-post taghha, u anke qabel gie jkellima Debono, l-kontijiet kienu kollha mhallsin.

**Joseph Debono** xehed li hu kien iffirma *private agreement* mal-konvenuta Gauci a fol. 6. Hu kien accetta li jhallas il-kontijiet u l-*agreement* kien *backdated* ghal-Frar, 1990. It-Telemalta lilu qalulu li fuq il-linja li ha 580833 ma kienx hemm kontijiet. Hu kien ghamel diversi pagamenti u esebixxa xi

ricevuti tal-pagamenti li ghamel. Il-kontijiet kienu jigu esagerati u kien jikkontestahom. Il-post Joe's Holiday Service, hu tieghu u Gauci m'ghandiex x'taqsam mieghu u ma kelliex x'taqsam mal-kontijiet tal-linja 580833.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut Debono kien ha l-linja tat-telephone 580833 minghand il-konvenuta Gauci u billi din ma setghetx tmur it-Telemalta tiffirma it-*transfer* kienet awtorizzat lill Debono permezz ta' kitba biex jaghmel it-*transfer*. Ghal sentejn jew tlieta Gauci ma semghet xejn imbaghad kienu kkuntattjawha mit-Telemalta fejn infurmawha li l-linja kienet ghadha fuqha u t-*transfer* ma kienx sar. Meta kkuntattjat lill Debono dan kien ghamel ftehim bil-miktub maghha fil-1995 (ara fol. 6) fejn accetta r-responsabilita' tieghu ghal din il-linja, accetta li jkun *back dated* ghal-1990.

Illi l-kontijiet ghal din il-linja (ara *statement* fol. 7) jibdew minn Marzu, 1992 sa Gunju, 1994 u ghalhekk ir-responsabilita' ghalihom hija tal-konvenut Debono. Dan fi-fatt xehed li l-post fejn hemm il-linja tat-telephone huwa tieghu u Gauci m'ghandha x'xtaqsam xejn aktar ma din il-linja. Il-konvenuta xehdet li meta tat il-linja lill konvenut ma kienx hemm kontijiet pendenti jew arretrati.

L-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm2,704.72 liema somma ma gietx kontestata hlief li l-konvenut Debono qal li l-kontijiet kienu jigu esagerati. Altrimenti ma' gab ebda prova biex jissostanzja l-allegazzjoni tieghu. Dwar l-allegazzjoni li hu ghamel pagamenti li hu jikkontendi li ma gewx indikati fuq li *statement* ezibit mill-atturi jirrizulta li l-pagamenti li ghamel il-konvenut jidhru fid-dokument a fol. 7. Anzi hemm indikat ukoll pagament (tas-6 ta' Dicembru, 1995) li l-konvenut lanqas biss indika.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Debono, tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Debono, tillibera lill konvenuta Gauci mill-osservanza tal-gudizzju
spejjez ghall konvenut Debono.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**